# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Dicembru, 2001 .

## Avviz numru : 79/2001GT(GM)

**Francis Caruana Limited .**

**VS**

**Marita Azzopardi u ghal kull interess li jista' jkollu zewgha George Azzopardi .**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**Illi l-konvenuti xtraw kamra tal-banju minghand is-socjeta' attrici ;**

**Illi mill-prezz miftiehem ghadha dovuta s-somma ta' seba' mija u sebgha u disghin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm797.35) bhala bilanc mill-prezz pattwit .**

**Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet u minkejja diversi promessi l-hlas baqa' ma sarx .**

**Illi qed jintalab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu dan il-bilanc flimkien ma' l-imghax mid-data ta' l-ahhar konsenja cioe' f'April 1999 sad-data tal-hlas effettiv u flimkien ukoll ma' l-ispejjez ta' dawn il-proceduri u ta' l-ittra ufficjali spedita fi Frar 2001 u dawk interpellatorji datati 5 ta' Frar 2001, 7 ta' Lulju 2001 u 3 ta' Ottubru, 2001 .**

**Ra r-riferta pozittiva mnejn jirrizulta li l-konvenuti gew debitament notifikati izda la pprezentaw risposta u lanqas dehru ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fit-18 ta' Dicembru, 2001 u dik tallum ;**

**Sema' d-depozizzjoni guramentata ta' rapprezentant tas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut .**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti ghal hlas ta' seba' mija, sebgha u disghin lira maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm797.35), bl-imghax legali mis-7 ta' Mejju, 1999 sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi d-dritt ta' l-avukat li assista lis-socjeta' attrici quddiem dan it-Tribunal u tal-ittri interpellatorji tal-5 ta' Frar, 2001, tas-7 ta' Lulju, 2001 u tat-3 ta' Ottubru, 2001, u ta' l-ittra ufficjali ta' Frar 2001 a kariku tal-konvenuti .**

**Gudikatur .**

**Deputat Registratur .**

S7901GT(gm)
315